MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 1128/2010/1

**Andrew Attard u Nazzareno sive Leslie Sammut**
**u martu Maria Concetta Sammut**

**v.**

**Therese Galea**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li l-atturi pprezentaw fit-3 ta' Novembru, 2010, u lli jaqra hekk:
"1. Illi l-attur Andrew Attard huwa proprjetarju ta' porzjon diviza ta' raba ta' circa 8,515 metri kawdri denominata 'Ta'

Marcellina' fil-Maghtab limiti tal-Gharghur, liema ghalqa hija parti diviza minn art akbar li giet diviza skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Attard tal-14 ta' Mejju 2008 li kopja tieghu flimkien mad-dokumenti kollha annessi mal-imsemmi kuntratt qeghdin jigi hawn esebiti bhala dokumenti A1 sa A37 inkluzi. Illi Andrew Attard gie assenjat il-porzjon B kif jidher fl-imsemmi kuntratt ta' divizjoni;

“2. Illi permezz tal-istess surreferit kuntratt, l-attur Nazzareno sive Leslie Sammut xtara u akkwista 'inter alia' porzjon diviza ta' raba wkoll ta' circa 8,15 metri kwadri denominata 'Ta' Marcellina' fil-Maghtab limiti tal-Gharghur assenjata porzjon C fl-istess kuntratt;

“3. Illi kemm il-porzjon diviz ta' art proprjeta' ta' Nazzareno sive Leslie Sammut kif ukoll il-porzjon diviz ta' art proprjeta' ta' Andrew Attard, kif huma propjretajiet franki u liberi bil-pussess battal tal-atturi rispettivament, u ma hemm ebda bidwi li ghandu xi titolu ta' qbiela fuq l-istess ghelieqi kif deskritti hawn fuq, u dana stante l-fatt li miet Francis Mifsud li kien guvni, u dan kif irrizulta mill-anness dokument B;

”4. Illi l-konvenuta qed tivvanta li ghandha dritt ta’ lokazzjoni fuq l-ghalqa surreferit u dan billi l-konvenuta tippretendi li l-ligi taghtiha dan id-dritt;

”5. Illi din il-pretensjoni tal-konvenuta saret permezz ta’ cedola ta’ depozitu datata l-21 ta’ Jannar 2010 hawn annessa u mmarkata Dok. C;

”Ghaldaqstant tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja dawk id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti l-ohrajn kollha necessarji u opportuni:

“1. Tipprefiggi terminu lill-istess konvenuta, a tenur tal-art. 403 u 404 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex f’dan it-terminu l-konvenuta ggib 'il quddiem b'kawza l-pretensjoni taghha;

”2. Timpedixxi lill-konvenuta milli qatt izjed tagixxi ghal dik il-pretensjoni, fin-nuqqas;

“Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni;”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda u dana peress illi:

“Fl-ewwel lok ir-rikorrenti ghandhom igibu l-prova li huma verament sidien l-art mertu tal-kawza; u

”2. Ill i l-esponenti tivvanta titolu ta’ lokazzjoni;

“Illi dina l-Qorti ma gietx mitluba li tissindika x'titolu ghandha l-eccipjenti izda giet mitluba tordna li l-eccipjenti tressaq azzjoni permezz tal-procedura ta' jattanza ta' pretensjoni li l-esponenti jista’ jkollha. Illi frankament l-esponenti ma' ghandha ebda tip ta' pretensjoni xi tressaq izda qed tiddikjara kif dejjem tal-volta ghamlet li hija tgawdi l-inkwilinat tar-raba. Illi ghalhekk b'kull rispett l-azzjoni ghandha tigi michuda ghaliex hija skorretta u ma tapplikax fic-cirkostanzi odjerni fejn ir-rikorrenti qeghdin jikkontestaw it-titolu tal-esponenti u mhux il-kaz li jinghata terminu biex l-eccipjenti tressaq xi azzjoni. Illi ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda;

“3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;”

Rat is-sentenza Preliminari li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Marzu, 2012, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:
”... ... ... filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tiddikjara li l-konvenuta wettqet millantazzjoni fil-konfront tal-atturi bic-cedola ta’ depozitu ta’ qbiela minnha pprezentata bin-numru 173/2010, u ghandhom jedd li jehilsu minn tali millantazzjoni jekk kemm il-darba l-konvenuta ma ggibx ’il quddiem l-azzjoni gudizjarja mehtiega. Tilqa’ t-talbiet attrici u ghal finijiet tal-artikolu 402(1) u 408 tal-Kapitolu 12 qed tordna lill-konvenuta sabiex tressaq il-pretensjonijiet taghha fi zmien tletin jum

millum u thalli l-kawza ghas-smigh ghat-3 ta' Mejju 2012 ghall-informazzjoni ulterjuri u jekk ikun il-kaz ghal provvediment mehtieg fir-rigward.

"Spejjez ghall-konvenuta."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Din hi azzjoni ta' jattanza intentata mill-atturi fejn qed jghidu illi l-konvenuta ghandha xi titolu ta' qbiela kif qed tippretendi l-konvenuta meta ghamlet cedola ta' depozitu fil-21 ta' Jannar 2010 u ghalhekk qed jitolbu lil Qorti sabiex jigi prefiss terminu lill-konvenuta biex tressaq il-pretensjoni taghha gudizjarjament.

"**Ligi**

"Fil-kawza **Mario Pickard vs Grace Andersen** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2011 (1064/2088):

""Illi bħala konsiderazzjonijiet legali dwar din l-azzjoni, jibda biex jingħad li l-azzjoni ta' Jattanza jew, kif ukoll magħrufa, tal-Millantazzjoni tapplika fejn persuna, f'att ġudizzjarju jew xort'oħra bil-miktub, tippretendi li għandha xi jedd kontra persuna oħra. Din tal-aħħar, jekk trid teħles minn tali pretensjoni, għandha l-jedd li tressaq azzjoni sa mhux iżjed tard minn sena minn mindu ssirilha l-pretensjoni, kontra min għamilha, biex il-qorti tordna lil min jippretendi l-jedd li jressaq l-azzjoni għad-definizzjoni ta' dak il-jedd innifsu fiż-żmien mogħti mill-istess qorti;[1]

""Illi huwa mgħallem li biex tirnexxi l-azzjoni tal-jattanza jeħtieġ jirriżulta li tkun saret pretensjoni bil-miktub minn min jallega jedd, li l-persuna li kontra tagħha tkun saret ilpretensjoni tkun fil-pussess tal-ħaġa li jrid jikkawtela, li l-pretensjoni tkun waħda spontanja u mhux provokata, u tkun waħda li tista' titmexxa 'l quddiem b'kawża fil-qrati, u li ma tkunx kondizzjonata minn fatt li jista' jseħħ jew jista' ma jseħħx.[2] Biex jista' jingħad li pretensjoni tkun waħda spontanja, irid jirriżulta li din ma tkunx ir-riżultat ta'

[1] Art. 403 tal-Kap 12
[2] P.A. TM **11.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Imelda Tabone et vs Agnes Galea et***

pretensjoni jew “provokazzjoni” li tkun saritilha mill-parti nnifisha li tkun fetħet il-kawża tal-jattanza.[3] Fuq kollox, l-azzjoni ta’ jattanza tolqot biss dawk il-pretensjonijiet li, biex jinżammu ’l quddiem, jeħtieġu azzjoni fil-Qrati: ma tolqotx dawk il-pretensjonijiet li, min jagħmilhom, ma jeħtieġ l-ebda azzjoni għaliex diġa’ jgawdi dak li jippretendi jew hu fil-pussess tagħhom;

““Illi għalhekk l-artikolu 403 tal-Kodiċi jrid jingħata tifsira dejqa minħabba li l-azzjoni tal-jattanza għandha l-għan li ġġib fuq il-parti li tagħmel il-pretensjoni tal-jedd is-sanzjoni ta’ skiet għal dejjem fuq dik il-pretensjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex jixraq li wie]ed iżomm quddiem għajnejh li r-regoli magħmula mil-leġislatur fid-diversi dispożizzjonijiet li jmexxu dawn il-proċeduri speċjali għandhom dejjem jitqiesu bħala partikolari għalihom jew kontra l-bixra tarregoli normali. Kemm hu hekk, dwar l-azzjoni tal-jattanza, il-Professur Caruana[4] jfisser din l-għamla ta’ azzjoni bħala “...a violation of the principle that no one may be compelled, against his will, to institute proceedings and reduce to an insignificant term the normal period for the institution of a lawsuit.”[5] Il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha, għalhekk, għandhom jitfissru sewwasew kif riedhom il-leġislatur;”

“**Fatti**

“L-atturi esebew kuntratt tal-14 ta’ Mejju 2008 atti Nutar Pierre Attard fejn xtraw zewg porzjonijiet divizi ta’ 8,515 metri kwadri mill-art imsejha Ta’ Marcellina. Fil-kuntratt imsemmi a fol. 5 et seq. tal-process hemm dikjarat illi l-porzjonijiet akkwistiti mill-atturi maghrufa bhala ’B’ u ’C’ huma liberi minn kull qbiela ghalkemm okkupati bla titolu mix-xerrejja. Iktar ’il quddiem jinghad ukoll illi l-partijiet ghal kuntratt ma jafux b’ebda pretensjoni ta’ terzi fil-konfront tal-imsemmija porzjonijiet. Il-kuntratt kien wiehed ta’ divizjoni bejn il-koproprejtarji.

---

[3] Maġ. (Għ) AE **2.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Rapa et vs John Mary Portelli***
[4] *Notes on Civil Procedure*, paġ. 1456
[5] Ara wkoll f’dan is-sens sentenza P.A. **13.12.1930** fil-kawza fl-ismijiet ***Gauci vs Francia*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.332**)

“Dan il-kuntratt jaghti titolu ta’ proprjeta lill-atturi. L-affidavit ta’ Andrew Attard jaghti spjegazzjoni dettaljata ta’ kif ipperveniet l-art. Il-Qorti hi sodisfatta li l-atturi rnexxielhom jippruvaw t-titolu u kwindi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta ma fihiex siwi.

“In kwantu ghal pussess tal-art in kwistjoni Dunstan Vella pprezenta affidavit fejn ikkonferma li kien ilu jikri ghalqa biswit dawk Ta’ Marcellina ghal xi sentejn u kellu ziemel. Kien ftiehem ma’ Leslie Sammut li kellu l-ghalqa faccata tieghu biex jixtri t-tiben minn ghandu, liema tiben kien zerghu Leslie Sammut billi kien jarah fl-ghalqa. Ikkonferma li f’Marzu 2010 xtara t-tiben tal-ghalqa ta’ Leslie Sammut. Hu kien jara biss lil Leslie Sammut fl-ghalqa u aktar tard lil Andrew Attard. Dan tal-ahhar kien tah kamra mill-ghalqa tieghu b’tolleranza f’Awwissu 2010.

“Andrew Attard xehed fl-affidavit tieghu a fol. 61 et seq. tal-process illi l-ghelieqi mertu ta’ din il-kontestazzjoni kienu mqabbla ghand certu Francis Mifsud li miet guvni fid-29 ta’ Gunju 2005 (Dok. B mar-rikors guramentat). Hu ma jafx min hi l-konvenuta, qatt ma raha qabel u qatt ma kellha pussess tal-art in kwistjoni, hlief ftit qabel ma giet intavolata l-kwistjoni meta Therese Galea qabdet u dahlet fl-ghalqa u sar rapport l-ghassa fis-16 ta’ Settembru 2010 (Dok. D a fol. 64 tal-process). Jaf li bejn l-2005 u l-2008 l-art kienet okkupata minn Leslie Sammut u dan qabel ma saret id-divizjoni. Wara d-divizjoni halla lil Leslie Sammut jokkupa l-art tieghu b’tolleranza biex ma tibqax vojta. Hu kkonferma li halla lil Dunstan Vella jokkupa bla titolu kamra fl-ghalqa tieghu u saret skrittura fit-23 ta’ Awwissu 2010 (Dok. E a fol. 65 tal-process). Zied fl-ahhar li Therese Galea mhix relatata ma’ Francis Mifsud li kellu l-qbiela u esebixxa kopji ta’ estratti mir-Registru Elettorali tal-2005 li juru indirizzi differenti ghaz-zewg persuni.

“Anthony Sammut hu Leslie Sammut xehed bl-affidavit u qal li l-ghelieqi Ta’ Marcellina ilhom fil-pussess ta’ Leslie Sammut mill-2002 u Francis Mifsud kien ikkonferma mieghu li kien cedielu l-ghelieqi. Sussegwentement jaf li Leslie Sammut xtara parti mill-ghelieqi. Hu dejjem harat l-ghelieqi ta’ huh sal-2009 u fl-2010 haratha Leslie Sammut

innifsu. Leslie Sammut kien jizra' qamh. Huh ghadu hemm sallum (data tal-affidavit hu 14 ta' Marzu 2011) u qed jirranga l-hitan.

"Kalcedon Vella xehed bl-affidavit u kkonferma illi ghamel zmien jixtri l-maghlef minghand Leslie Sammut, circa bejn l-2002 u 2005 u kien jaghtih permess imur fl-ghelieqi. Hadd qatt ma kellmu meta kien fl-ghelieqi ta' Nazzareno sive Leslie Sammut.

"Joseph Scifo fl-affidavit tieghu qal illi ghandu ghalqa biswit Ta' Marcellina u jaf li ilha fil-pussess ta' Leslie Sammut ghal madwar disa' snin. Ghall-ewwel ma kienx jarah spiss izda mill-2006 beda jarah kwazi kuljum, jiehu hsieb l-ghalqa, u l-hitan u jizra', kien anki jqabbad xi nies jahsdu l-ghalqa. Ix-xhud qal li bil-permess ta' Leslie Sammut gieli zamm dghajsa u karozza fl-ghalqa ta' Sammut ghalkemm illum nehhihom. Lilu hadd qatt ma kellmu jew qallu li l-ghalqa ma kienitx ta' Sammut, u qatt ma ra lil hadd hlief lil Leslie Sammut.

"Michael Calleja li hu 'full time farmer' xehed fl-affidavit tieghu illi xtara qamh direttament minn wicc l-art minghand Leslie Sammut mill-2007 sal-2009. Hadd qatt ma avvicinah jew allega li l-art ma kienitx ta' Leslie Sammut.

"Il-konvenuta li xehdet in subizzjoni qalet li hi n-neputija ta' Francis Mifsud u kienet tghinu jahdimha flimkien ma' ommha u hutha. Dan kien fit-tmeninijiet u anki sa nofs id-disghinijiet. Pero imbaghad kellha t-tfal u kienu jmorru hutha jghinu lil Francis Mifsud, ghalkemm anki bit-tfal zghar gieli marret. Pero ziedet illi zijuha marad u ghamel xi disa' snin marid u kienet tikkurah u tghinu kuljum. L-ghalqa kien imur zewgha. Wara li miet iz-ziju stenniet biex tara min kien wiret liz-ziju u wara li rat li hi eredi inqala' Leslie Sammut u beda jghid li l-ghalqa hi tieghu. Qalet li wara li miet iz-ziju mill-ewwel marret l-ghalqa u hallsu l-qbiela u inqala' s-Sur Sammut. Qabel ma miet iz-ziju l-art kienet tinzera' bil-qamh u wara mewtu Leslie Sammut ma hallihomx jahdmuha ghax qal li hi tieghu.

"Minn ezami tal-provi jidher illi l-atturi huma fil-pussess tal-ghelieqi in kwistjoni, apparti li huma s-sidien taghhom. Il-konvenuta tammetti li l-ghalqa kienet bi qbiela ghand zijuha. Del resto Andrew Attard fl-affidavit tieghu jaqbel li l-art kienet bi qbiela ghand Francis Mifsud pero dan miet guvni fl-2005. Tixhed ukoll illi hi kienet tghin lil zijuha sa nofs il-disghinijiet u mhux oltre. Tallega li hi l-eredi taz-ziju pero ma ngiebet ebda prova ta' dan. L-unika cedola ta' kera esebita saret fil-21 ta' Jannar 2010 li tkopri s-snin 2008 u 2009. Ma jirrizultax jekk il-konvenuta ghamlitx l-istess ghas-snin ta' qabel ghalkemm tghid fl-affidavit li hallsu l-qbiela wara l-mewt taz-ziju pero ma hemmx prova ta' dan, kif ma hemmx prova li qatt giet accettata xi qbiela da parti tas-sidien wara l-2005.

"Hu minnu illi l-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta fid-definizzjoni ta' kerrej ta' art agrikola jinkludi f'ordni ta' preferenza l-legatarju, jew persuna li kienet tghix mall-inkwilin fl-ahhar sena qabel mewtu jew kien qed jahdem l-art mieghu jew hu l-eredi tal-inkwilin (enfasi tal-Qorti).

"F'dan il-kaz, il-prova li riedet issir da parti tal-konvenuta li hi fil-fatt l-eredi, kif tallega. Pero din il-prova ma ngibitx mill-konvenuta. Ic-cedola ta' kera maghmula mill-konvenuta tindika biss li ghandha pretensjoni ta' titolu pero ma jirrizultax fiha mnejn akkwistat dan it-titolu.

"Kwindi dak li jirrizulta mill-atti hu pretensjoni da parti tal-konvenuta maghmula bil-miktub, liema pretensjoni tirrizulta li mhix provokata mill-atturi billi jirrizulta illi l-pussess u t-titolu tal-art jinsab f'idejn l-istess atturi u l-konvenuta ma kienitx la tokkupa u anqas tahdem l-art meta miet zijuha. Kien ikun altrimenti li kieku l-konvenuta uriet ness guridiku mal-qbiela li kellu zijuha Francis Mifsud u ghalhekk prima facie prova ta' jedd legali ta' qbiela fuq il-proprjeta tal-atturi liema jedd ikun gie oppost mill-atturi fejn allura l-provokazzjoni ma kienitx tibqa' aktar spontaneja izda provokata.

"Ghalhekk fic-cirkostanzi l-atturi rnexxielhom jissodisfaw id-dettami tal-kawza minnhom promossa u ma jistax jinghad illi l-atturi qed jikkontestaw xi titolu tal-konvenuta

liema titolu ma rrizultax. Ghalhekk il-konvenuta bic-cedola ta’ depozitu ta’ kera wetqet jattanza fil-konfront tal-atturi li ghandhom jedd jitolbu li l-konvenuta jekk jidhrilha tressaq tali millantazzjoni ’il quddiem b’azzjoni gudizjarja biex tasserixxi d-dritt pretiz.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

“… … … thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata sabiex b;hekk jigu milqugha l-eccezzjonijiet tal-appellanti u t-talba fir-rikors guramentata tigi michuda.”

Rat ir-risposta tal-appell tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

“… … … tikkonferma s-sentenza appellata bhala wahda ekwa u gusta u dan billi tilqa’ t-talbiet attrici, tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata b;terminu a tenur tal-Art. 403 u 404 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sabeix l-intimata ggib ’il quddiem b’kawza l-pretensjoni taghha u fin-nuqqas, timpedixxi lill-intimata appellanti milli qatt izjed tagixxi ghall-pretensjoni taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess intimata appellata.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ta’ jattanza. Il-konvenuta qed tippretendi li ghandha titolu ta’ qbiela fuq art limiti tal-Gharghur, fil-waqt li l-atturi qed jichdu dan. Il-konvenuta ipprocediet biex tiddepozita l-qbiela taht l-awtorita` tal-Qorti, u l-atturi fethu din il-kawza fejn qed jitolbu biex jigi prefiss lill-konvenuta terminu li fiha ghandha tiddeduci gudizzjarjament il-pretensjoni taghha, u fin-nuqqas tigi kkundannata ghas-silenzju perpetwu fuq din il-kwistjoni. Kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, wahda mill-kundizzjonijiet tal-azzjoni hija li l-

attur ikun fil-pussess tal-haga li jrid jikkawtela. Qed tissemma' din il-kundizzjoni in partikolari, ghax il-konvenuta qed tikkontesta t-talba attrici, principalment, fuq in-nuqqas ta' pussess tal-ghalqa f'idejn l-atturi u ghax, skont hi, l-azzjoni mhux proponibbli, ghax targumenta li huma l-atturi li jridu jressqu kawza biex jitolbu l-izgumbrament taghha jekk jidhrilhom li hi qeghdha zzomm l-ghalqa bla titolu.

L-ewwel Qorti, wara li ezaminat il-provi, sabet li, fil-verita`, l-atturi huma fil-pussess tal-ghalqa in kwistjoni, u mhux il-konvenuta, u kwindi huma setghu iressqu din il-kawza. Wara li rat li l-atturi rnexxielhom jissodisfaw id-dettami tal-azzjoni, laqghet it-talba u pprefegiet terminu ta' tletin (30) jum biex il-konvenuta tressaq il-pretensjoni taghha quddiem il-qrati.

Il-konvenuta appellat u regghet qalet illi l-azzjoni "mhux proponibbli fic-cirkostanzi", u dan peress li l-pretensjoni taghha ta' titolu taghha ta' qbiela ghandu jigi attakkat mill-atturi u mhux ippruvat minnha.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument tal-konvenuta. Minn analizi tal-provi, jirrizulta li l-atturi kienu u ghadhom iwettqu fil-konfront tal-ghalqa dawk l-atti li huma karetteristici ta' sidien fil-pussess. Hekk, Anthony Sammut, hu l-attur Nazzareno sive Lino Sammut xehed hekk:
"*Nghid illi dwar l-ghelieqi maghrufa bhala ta' Marcellina fil-Maghtab dawn ilhom fil-pussess ta' hija Nazzareno sive Leslie Sammut sa mill-2002 meta hija kien ha l-pussess tal-istess ghelieqi minghand certu Francis Mifsud. (…) Nghid illi kemm ilhom dawn l-ghelieqi f'idejn Leslie jien dejjem hrattlu l-ghelieqi bit-'tractor' jien u kull sena li hratt l-ghelieqi kienu dejjem f'idejn hija. Dan ghamiltu sas-sena 2009. Naf pero` li fis-sena 2010 harat l-ghelieqi hija stess. Naf li kien jizra u jkabbar qamh hemmhekk. Nghid illi l-ghelieqi ghadhom fil-pussess ta' hija sal-gurnata tal-lum tant illi bhalissa hija qed jirranga l-hitan t'hemmhekk.*"

Hekk ukoll certu Michael Calleja qal illi:

"*… … … jien xtrajt minghand Leslie Sammut tiben u qamh direttament minn fuq wicc l-art ghas-snin li jmorru mill-2007 sal-2009 u cioe` kont immur jien stess fl-ghalqa ta' Leslie Sammut u kont nahsad jien stess il-qamh u t-tiben hemmhekk.*"

Hemm xhieda ohra li jikkonfermaw il-pussess tal-art da parti tal-atturi. Da parti tal-konvenuta, hi tammetti li ma ghandhiex pussess tal-ghalqa, imma tippretendi li ghandha tiret il-qbiela li kellu zijuha.

Mistoqsija jekk qatt hadmitx l-ghalqa, qalet li meta miet zijuha, l-atturi ma hallewhiex tidhol fl-ghalqa, u mistoqsija direttament mill-Qorti jekk qatt hadmet l-art wara li miet iz-ziju, qalet "*Qatt ma hdimniha, qatt ma tana cans*". Ix-xhieda taghha kompliet hekk:

"*October li ghadda morna nahartuha.*
*Qorti: U ma dhaltux?*
*Xhud: Le l-ghada morna u nsibu l-gate maghluqa, ghamilna r-rapport l-ghassa u qalilna tidhlux l'hemm il-pulizija.*
*Qorti: Jigifieri wara l-mewt taz-ziju dhalt darba u daqshekk inti?*
*Xhud: Impedina s-Sur Sammut u jiena ma nhobbx glied b'hekk dhalna l-Qorti.*"

Minn dan kollu jirrizulta li meta nfethet din il-kawza, u fis-snin ta' qabel, l-ghalqa kienet u ghadha fil-pussess tal-atturi. F'hin minnhom giet il-konvenuta li qalet li kienet tigi n-neputija tal-inkwilin precedenti u bdiet tiddepozita l-qbiela taht l-awtorita` tal-Qorti, u darba ppruvat tidhol fl-istess ghalqa. Hu car li l-konvenuta qatt ma kellha pussess tal-ghalqa, u jekk, issa, tippretendi li wirtet xi titolu fuq l-istess u trid tiehu l-pussess tal-istess raba trid hi tipprova l-kaz taghha quddiem il-qrati u dan bi proceduri ad hoc li hi trid tiftah quddiem il-Qorti kompetenti. Da parti tal-atturi, huma ppruvaw l-elementi kollha tal-azzjoni kif uriet tant tajjeb l-ewwel Qorti, u jistghu, ghalhekk, jipprocedu validament b'din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuta billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti in toto, b'dan li t-terminu ta' tletin (30) jum impost mill-ewwel Qorti ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuta.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kaz skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------